

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/1502**tad-9 ta' Settembru 2022****li jimplimenta l-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE) 2016/44 rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/44 tat-18 ta' Jannar 2016 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 204/2011 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 21(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Jannar 2016, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2016/44.
- (2) Fit-18 ta' Lulju 2022, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ('KSNU') stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni tal-KSNU 1970 (2011) aġġorna l-informazzjoni relattiva għal persuna waħda soġġetta għal miżuri restrittivi.
- (3) Jenħtieġ għalhekk li l-Anness II għar-Regolament (UE) 2016/44 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II għar-Regolament (UE) 2016/44 huwa b'dan emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Settembru 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
J. SÍKELA

⁽¹⁾ ĠUL 12, 19.1.2016, p. 1.

ANNEX

Fl-Anness II għar-Regolament (UE) 2016/44, l-entrata 6 hija sostitwita b'dan li ġej:

“6. Isem: 1: ABU 2: ZAYD 3: UMAR 4: DORDA

Titlu: mhux disponibbli **Deżinjazzjoni:** **a)** Direttur, Organizzazzjoni għas-Sigurtà Esterna. **b)** Kap tal-aġenzija tal-intelligence esterna. **Data tat-twelid:** 4 ta' April 1944 **Post tat-Twelid:** Alrhaybat **Pseudonimu affidabbli:** **a)** Dorda Abuzed OE **b)** Abu Zayd Umar Hmeid Dorda **Pseudonimu inqas affidabbli:** mhux disponibbli **Ċittadinanza:** mhux disponibbli **Nru tal-Passaport:** Nru tal-passaport tal-Libja FK117RK0, maħruġ fil-25 ta' Novembru 2018, maħruġ fi Tripli (Data ta' skadenza: 24 ta' Novembru 2026) **Nru tal-identifikazzjoni nazzjonali:** mhux disponibbli **Indirizz:** il-Libja (Status/post preżunt: mejjet) **Elenkat fi:** 26 ta' Frar 2011 (emendata fis-27 ta' Ġunju 2014, fl-1 ta' April 2016, fil-25 ta' Frar 2020, fit-18 ta' Lulju 2022) **Informazzjoni oħra:** Elenkat skont il-paragrafu 15 tar-riżoluzzjoni 1970 (Projbizzjoni fuq l-Ivvjaġġar). Elenkat fis-17 ta' Marzu 2011 skont il-paragrafu 17 tar-Riżoluzzjoni 1970 (Iffriżar tal-Assi).”
